# ġimgħa 15

*Mill-qiegħ l-art insejjaħlek, Mulej:*
*Mulej **isma'** il-leħen tiegħi!*
*Ħa jkunu widnejk miftuħa*
*għal-leħen tat-talb tiegħi.*

*Jekk tal-ħtijiet int tagħti każ, Mulej,*
*Mulej, min jista' iżomm sħiħ?*
*Imma għandek hemm il-**maħfra**,*
*biex hekk int tkun meqjum.*

*Jien lill-Mulej nistenna,*
*ruħi f'kelmtu **tittama**.*
*Tistenna ruħi lill-Mulej*
*aktar milli l-għassiesa s-sebħ.*

Salm 129, 1-8



Missier, f'idejk nintelaq jiena.
Agħmel minni dak li jogħġbok.
Niżżikħajr għal dak kollu li tagħmel bija:
Jien lest għal kollox, nilqa' kollox.
Agħmel biss li r-rieda tiegħek isseħħ fija,
u fil-ħlejjaq kollha tiegħek.

Ma nixtieq xejn aktar Mulej.
F'idejk jien nitlaq ruħi;
nagħtihielek bl-imħabba kollha ta' qalbi,
għax jien inħobbok, Mulej,
u għalhekk inħoss il-ħtieġa
li nagħti lili nnifsi lilek,
li nintelaq f'idejk għal kollox
u b'kunfidenza bla tarf,
għax int Missieri.

*Charles de Foucauld*



Illum iċċaħħad minn ikel u affarijiet li jogħġbuk u – jekk possibli – sib ħin biex tmur tqerr.

# sibt 16

*Dakinhar, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Smajtu xi ntqal: 'Ħobb lill-proxxmu tiegħek u obgħod lill-għadu tiegħek.' Imma jien ngħidilkom: ħobbu l-għedewwa tagħkom u itolbu għal dawk li jippersegwitawkom, biex tkunu wlied Missierkom li hu fis-smewwiet...Għax jekk intom tħobbu lil min iħobbkom, xi ħlas jistħoqqilkom? U jekk issellmu lil ħutkom biss, xi tkunu tagħmlu żejjed? Mhux il-pagani wkoll jagħmluh dan? Kunu mela perfetti bħalma perfett hu Missierkom tas-sema."* Mt 5,43-48

Xi sena ilu, Timothy Radcliff, patri, ħareġ ktieb jismu: *What's the point of being a Christian?* (Għaliex/x'jiswa li tkun nisrani?). Tajjeb li nsaqsi lili nnifsi: X'jiswa li jien nisrani? Ġesù illum jgħidilna x'inhi dik il-ħaġa li tagħmel lin-nisrani differenti mill-bnedmin l-oħra: l-imħabba li tħobb bla interessi u bla limiti. Biex inkunu tassew ulied, inridu nixbhu lil Missier li jħobbna b'imħabba li m'għandhiex limiti hekk li wasal biex ta lill-Ibnu stess biex jerġa' iħabbibna miegħU. Biex inħobb bħalma jħobb Alla rrid nemmen li hu jħobbni tassew. Inrid nitolbu l-għajnuna biex jagħlimmni nħobb lill-oħrajn, saħansitra lil dawk li għamluli d-deni. Hekk biss inkunu tassew ulied tal-Missier, aħwa ta' Ġesù. Bħalissa liema persuna nsib diffiċli li nħobb? Itlob lil Mulej għal din il-persuna u itolbu jagħtik l-għajnuna taħfrilha.

Ibgħat sms jew ċempel lil persuna li int miġġielda magħha jew li nkella ssibha diffiċli li tħobb, biex turiha li tixtieq taħfrilha u tirranġa magħha mill-ġdid.





**X'għandek tagħmel għal qrara tajba:**

*Taħseb* dnubietek sewwa. ▪ *Tindem* (jiddispjaċik) minnhom. ▪ *Tagħti kelma* 'l Alla li ma terġax. ▪ *Tqerrhom* kollha. ▪ *Tagħmel it-tewba* (impenn) li jagħtik il-konfessur.

*L-ewwel ġimgħa ▪ 10-16 Frar*



# randan

**2008**

"Ma nixtiequx li Randan wara l-ieħor nibqgħu nisimgħu l-Kelma ta' Alla bla ma nindunaw x'hemm f'ħajjitna li jista' jkun sejjer ħażin. Il-Mulej irid li nikkonvertu lejh għaliex bih u miegħu ħajjitna tista' tkun differenti u aħjar. Ir-Randan kull sena jiftaħ bil-kliem tal-Profeta: "Ċarrtu qlubkom u mhux ilbieskom", u bil-kliem ta' San Pawl: "Agħmlu ħbieb ma' Alla". Kif nistgħu nisimgħu dal-kliem u donnu kollox jibqa' kif inhu? It-talb, is-sawm, u l-karità huma tliet armi li l-Knisja sa mill-bidu tal-istorja tagħha poġġiet quddiemna għax biex tagħmel it-tajjeb trid tikkumbatti u trid tkun b'saħħtek biżżejjed spiritwalment. Mingħajr il-qawwa li tiġi minn Alla, inkunu dgħajfa. U jkun faċli ninġarru mill-kurrent u l-fidi tagħna tisfa fix-xejn."

*Ittra pastorali Randan 2008*

isem:________________________________

# ħadd 10 ▪ id-deżert



*Mbagħad l-Ispirtu ħa lil Ġesù fid- deżert biex ix-Xitan iġarrbu.[…] Għal darb'oħra x-xitan ħadu miegħu fuq muntanja għolja ħafna, urieh is-saltniet kollha tad-dinja u l-glorja tagħhom, u qallu: "Dawn kollha nagħtihom lilek jekk tinx-teħet tadurani." Mbagħad qallu Ġesù: "Itlaq, Xi-tan! Għax hemm miktub 'Lill-Mulej, Alla tiegħek, għandek tadura, u lilu biss taqdi. » Mbagħad ix-Xitan ħallieh. U minnufih ġew xi anġli u kienu jaqduh.* Mt 4:1-11

Ġesù, is-sultan tal-ħolqien kollu ma ġiex fid-dinja biex ikun moqdi imma biex jaqdi. Hu wera ruħu bħala sultan billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib. Hawn qiegħda s-setgħa tiegħu: fil-qadi, fis-servizz, fl-għoti ta' ħajtu lill-bnedmin.

U jien u int spiss niġġieldu biex ikollna xi tip ta' setgħa fuq ħaddieħor. Diffiċli nammettu meta niżbaljaw jew ma jkollniex raġun. Forsi nsejna li aħna "ulied" li għandna "Missier" wieħed? Forsi nsejna li m'għandna xejn li ma ġiex mogħti lilna? Ejja nara ftit fejn qed inkun supperv u nitlob lil Mulej jgħallimni li biex ikun kbir irrid naqdi...



Ħu sehem ħaj fil-<u>quddiesa tal-Ħadd</u>: kanta, jekk għandek xi servizz għamlu, evita li toqgħod tpaċpaċ mal-ħbieb.




Nhar it-Tnejn, 11 ta' Frar, jaħbat il-**150 anniversarju** mill-ewwel darba li l-Madonna dehret lit-tfajla *Benardette Soubirous* fl-1858 ġewwa Lourdes, fi Franza. Dakinhar Bernardette kellha 14-il sena. Sa Lulju ta' dik is-sena kellha 18 il-dehra ta' "Sinjura sabiħa" fi grotta li llum saret post ta' devozzjo-ni Marjana. Ejja nitolbu lil Marija, Ommna, biex tgħinna nagħmlu dak li jrid minna binha Ġesù.

# tnejn 11

"Kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost ħuti, għamiltuh miegħi." Mt 25,31-48

*Trid li ta' kuljum tiltaqa' ma' Ġesù? Jekk iva, fittex liż-'żgħir' fost dawk li tgħix magħhom! Dak il-ħabib li għaddej minn żmien diffiċli; dik il-persuna li tinsab marida; dak li jinsab imwarrab u waħdu; dak li qed jgħadduh biż-żmien; dik il-persuna bla ħbieb...dawn huma ż-żgħar. Min huma ż-'żgħar' fil-ħajja tiegħi? Lest li nħobbhom u ngħinhom? Tinsiex: dak li nagħmel magħhom, inkun qed nagħmlu ma' Ġesù li tant ħabbni li*



Illum jaħbat il-Jum dinji ta' talb għall-<u>morda</u> : għid talba għalihom u jekk taf b'xi ħadd jiġi minnek marid, mur żuru jew ċempillu.

# tlieta 12

Dan jgħid il-Mulej: "Bħalma x-xita u s-silġ jinżlu mis-smewwiet u ma jerġgħux lura mnejn ġew bla ma jsaqqu l-art, imma jġegħluha tnissel u tnibbet u tagħti żerriegħa 'l min jiżra' u l-ħobż lil min jiekol, hekk jiġri minn kelmti: hija toħroġ minn fommi u ma terġax lura vojta, imma tagħmel dak li jogħġob lili u ttemm dak li nkun bgħattha tagħmel." Is 55, 10-11

*Permezz tal-profeta Isaija, Alla jurina kemm Kelmtu hi kelma ħajja li ċċaqlaq il-qalb tal-bniedem. Meta tinqara l-Kelma ta' Alla, Alla jkun qiegħed ikellem lili...Hu jkun jaf minn xiex jien għaddej u bħal Missier ikun jixtieq idawwalni u jagħmilli kuraġġ. Kapaċi niftakar fuqhiex kien il-Vanġelu ta' l-aħħar quddiesa li smajt? Jekk iva, x'laqatni? Jekk le, x'se nagħmel biex noqgħod aktar attent? Biex il-Kelma ta' Alla tħalli l-frott, trid issib lill-qalbna miftuħa beraħ biex tilqagħha.*

Illum sib mument waħdek biex titlob bil-mod u bil-qalb it-<u>talba tal-Missierna</u>, b'dik l-imħabba ta' iben lejn missieru.



# erbgħa 13

"Alla ra n-nies x'għamlu, kif reġgħu lura mit-triq tagħhom il-ħażina. U Alla sogħbih mid-deni li qal li kien se jagħmlilhom; u ma għamlux." Ġona 3, 1-10

Ġona kien profeta li Alla kien bagħat fil-belt ta' Ninwè biex iħabbar il-qerda tal-belt fi żmien 40 jum. In-nies ta' Ninwè malajr jemmnu f'Alla, isumu u jilbsu lbies ta' l-ixkejjer mill-kbar saż-żgħar bit-tama li Alla jibdel fehmtu. U fil-fatt, Alla ma jikkastigahomx.

Alla li jista' kollox hu Alla kollu tjieba u ħniena. Hu jixtieq li aħna ma naħlux ħajjitna...jixtieqna nħobbuH u nħobbu lill-oħrajn biex ngħixu tassew ta' bnedmin ulied Alla. Alla jrid il-ġid tagħna u dejjem lest b'idejh miftuħa biex jaħfrilna. Imma aħna jiddispjaċina minn dnubietna? Għandna indiema? X'indiema għandi: indiema *imperfetta* għax jiddispjaċini li żbaljat u nibża' mill-kastig; jew indiema *perfetta* għax jiddispjaċini li nqast u weġġajt il-qalb kollha mħabba ta' Alla? U niftakru dejjem li Alla kapaċi jaħfrilna aktar milli aħna kapaċi naħfru lilna nfusna għax l-imħabba tiegħu tisboq bil-wisq aktar id-dnub tagħna.

Illejla qabel torqod għamel <u>eżami tal-kuxjenza</u>: fejn inqast milli nħobb lil Alla u lill-proxxmu



# ħamis 14

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Itolbu u jingħatalkom; fittxu u ssibu; ħabbtu u jiftħulkom. Għax min jitlob jaqla'; min ifittex isib; u min iħabbat jiftħulu." Mt 7,7-12

*Kieku xi ħadd ikellu jistaqsik: 'x'inhi l-aktar ħaġa li tixtieq?', xi twieġbu? Il-Mulej jisma' dak it-talb li joħroġ mill-fond tal-qalb tagħna. Ara ftit: x'hemm fil-fond tal-qalb tiegħi bħalissa? Liema hi l-akbar xewqa li għandi?...Issa li taf ix-xewqa, itlob din ix-xewqa lil Mulej: Hu li jafek u jħobbok, jagħtik żgur dak li hu ta' l-aħjar ġid għalik.*



Illum għamel sewwa u bil-kalma l-*homework* li għandek (dan hu dmir tiegħek bħala student)